QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum il-Hamis, 28 ta' Ottubru 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1096/18 JVC**

**Emanuel Curmi (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 914551M) f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti Dr Daniel Joseph Farrugia (karta tal-identita' bin-numru 553074M), Phyllis Tonna (karta tal-identita' bin-numru 99542M) u permezz ta' digriet datat 8 ta' Gunju 2021 l-atti gew trasfuzi f'isem Albino Tonna 462437M) stante li Phyllis Tonna mietet fil-mori tal-kawza, Maria Carmela Curmi (karta tal-identita' bin-numru 246743M), u Rev. John Philip Curmi (karta tal-identita' bin-numru**

**624856M) u Reuben Mario Farrugia (karta tal-identita' bin-numru 270076M)**

**vs**

**Maria Tereza Schembri (karta tal-identita' bin-numru 192652M) u permezz ta' digriet datat it-8 ta' Jannar, 2019 l-istem gie korrett sabiex jaqra Mary Theresa Schembri, Prassede Schembri (karta tal-identita' bin-numru 588347M) u Anthony Schembri (karta tal-identita' bin-numru 635148M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Emanuel Curmi et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-atturi huma proprjetarji u ghandhom fil-pussess taghhom u jgawdu l-ghalqa accessibbli minn passagg minghajr numru (li qabel kien numerat 15) fi Triq l-Imqabba, iz-Zurrieq;

2. Illi ricentement u cioe` fl-ghaxra (10) ta' Settembru, 2018 l-konvenuti jew min minnhom, arbitrarjament u vjolentement minghajr ma wrew u ottjenew l-kunsens tal-atturi poggew oggetti fl-imsemmi passagg bi tfixkil tad-dritt tal-mittenti ghall-access liberu mit-triq ghall-ghalqa taghhom;

3. Illi tali agir jikkostitwixxi spoll ricenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti da parti tal-intimati;

4. Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex jirrimedjaw l-ispoll u jnehhu l-ostaklu li ghamlu fil-passagg u dan permezz tal-ittra ufficcjali tat-2 ta' Ottubru, 2018 l-intimati ghazlu li jibqghu inadempjenti;

5. Illi ghalhekk, l-esponenti kellhom jirrikorru ghal din l-azzjoni;

6. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant r-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi, il-konvenuti kkommettew spoll ghad-dannu ta' l-istanti;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss inehhu dawk l-oggetti ossia ostakoli li qed ifixklu l-access liberu tal-istanti ghall-ghalqa taghhom fuq imsemmija mill-passagg imsemmi u jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristinaw lill-esponenti fit-tgawdija tal-passagg minghajr numru (gja qabel bin-numru 15) fi Triq l-Imqabba, iz-Zurrieq li jaghti ghall-ghalqa appartenenti lill-mittenti u dan occorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istanti inehhu huma stess l-ostakli imsemmija u jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali a

spejjez tal-konvenuti, occorendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru tat-2 ta' Ottubru, 2018 kontra l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Theresa Schembri et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari jissussisti zball fl-okkju tal-kawza stante illi l-intimata Mary Theresa Schembri giet minflok indikata bhala Maria Tereza Schembri;

2. Illi fit-tieni lok fil-mertu t-talbiet maghmula fil-konfront tal-esponenti permezz tar-rikors promotur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti fl-intier taghhom u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

    a) Illi ma jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili sabiex tirnexxi l-azzjoni spoljattiva kif proposta mir-rikorrenti;

    b) Illi l-esponenti, illi huma flimkien ma' ohrajn proprjetarji tal-ghalqa kontigwa ma' dik appartenenti lir-rikorrenti u li huma flimkien mal-istess rikorrenti ko-possessuri tal-passagg indikat fir-rikors promotur, b'ebda mod ma ostakolaw il-passagg de quo jew fixklu d-dritt ta' access illi prezentement igawdu l-istess rikorrenti;

c) Illi wisq anqas ma tpoggew xi oggetti mill-esponenti fil-passagg su-riferit kif allegat mir-rikorrenti permezz tar-rikors promotur;

d) Illi l-esponenti dejjem aderixxew ruhhom bi shih mal-provvedimenti tal-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Raphael Darmanin, datat il-11 ta' Ottubru, 1979, liema att pubbliku jirregola b'mod car id-drittijiet illi minnhom igawdu l-partijiet ikkoncernati fuq il-passagg mertu tal-kawza odjerna (kopja informali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A);

e) Illi kienu r-rikorrenti illi gew sahansitra interpellati mill-esponenti (permezz tal-Ittra Ufficjali Numru 3876/18 – kopja annessa u mmarkata bhala Dok. B) sabiex huma jnehhu minnufih dawk l-oggetti illi huma poggew fil-passagg de quo u li qeghdin iservu sabiex ifixklu d-dritt ta' access illi minnu jgawdu l-istess esponenti;

f) Illi nonostante l-interpellazzjoni suesposta r-rikorrenti baqghu inadempjenti u minflok ghazlu illi jifthu l-kawza odjerna illi hija frivola u ntiza biss sabiex tivvessa lill-esponenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.'.

Rat ix-xiehda, affidavits, ittri ufficjali, ritratti, skizz, kuntratti, pjanti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Mejju, 2019 id-difensuri tal-partijiet qablu li l-ispoll gie spurgat billi x-xatba giet rimossa u ma kinitx ghadha tostakola l-passagg u setghu jghaddu bl-ingenji;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Ottubru, 2019 il-Qorti giet infurmata li mill-ahhar verbal tal-20 ta' Mejju, 2019 il-grada in kwistjoni kienet regghet twahhlet sabiex tirregola l-wisa' tal-passagg;

Rat ir-rikors datat 21 ta' April, 2021 fejn ir-rikorrenti stante l-mewt ta' Phyllis Tonna talbu li l-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem Albino Tonna zewgt Phyllis Tonna u rat id-digriet moghti fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2021 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju sabiex Albino Tonna jidhol flok Phyllis Tonna;

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Gunju, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi fl-15 ta' Gunju, 2021 sar access fuq il-post fejn il-Qorti hadet konjizzjoni tal-passagg u l-ambjenti mertu tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.
>
> 536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'

Illi r-rikorrenti Emanuel Curmi et jippremettu li huma l-proprjetarji u attwali pussessuri ta' ghalqa accessibbli minn passagg minghajr numru (li qabel kien numerat 15) fi Triq l-Imqabba, Zurrieq. Isostnu li fl-10 ta' Settembru, 2018 l-intimati jew min minnhom arbitrarjament u vjolentement poggew xatba tal-injam fi tmiem il-passagg, bil-ghan li jcekknu l-wisa' tieghu u jostakolaw il-liberu access tar-rikorrenti ghall-ghalqa taghhom. Isostnu li dan l-agir jikkostitwixxi fi spoll ricenti u klandestin u kien ghalhekk li stitwew il-kawza odjerna fejn talbu li jigi dikjarat li l-intimati kkommettew spoll u li tordna lill-intimati sabiex fi

zmien qasir u perentorju jnehhu x-xatba u jirripristinaw lir-rikorrenti fit-tgawdija tal-passagg. Talbu wkoll li fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu huma x-xoghlijiet rimedjali a spejjez tal-intimati u dan okkorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi.

L-intimati preliminarjament eccepew zball fl-okkju tal-kawza stante li l-intimata Mary Theresa Schembri giet minflok indikata bhala Maria Tereza Schembri. Fit-tieni lok sostnew li t-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti fl-intier taghhom u dan ghar-ragunijiet indikati bhala (a) ma jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta); (b) illi huma bl-ebda mod ma ostakolaw il-passagg *de quo* jew fixklu d-dritt ta' access li jgawdu r-rikorrenti; (c) illi huma lanqas ma poggew oggetti fil-passagg kif allegat mir-rikorrenti; (d) illi huma dejjem aderixxew ruhhom bi shih mal-provvedimenti tal-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Raphael Darmanin datat 11 ta' Ottubru, 1979 liema att pubbliku jirregola d-drittijiet li minnhom igawdu l-partijiet fuq il-passagg mertu tal-kawza odjerna; (e) illi kienu r-rikorrenti li gew interpellati sabiex inehhu l-oggetti li huma poggew fil-passagg sabiex ifixklu d-dritt ta' access illi minnu jgawdu l-istess intimati; (f) finalment nonostante l-interpellazzjoni suesposta r-rikorrenti baqghu inadempjenti u minflok ghazlu li jifthu l-kawza odjerna li hija wahda frivola u ntiza sabiex tivvesshom.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi dwar l-azzjoni ta' spoll privilegjat, l-awtur **Mattirolo** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** (Volume I.

ed. 1902 Torino, para. 271) qal illi:

> 'La reintegrazione del possesso a favour di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola "spoliatus ante omnia restituendus". Il perchè l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purchè pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto.'

Fuq l-istess binarju l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Mariano Farrugia et noe -vs- Peter Paul Cutajar** deciza fit-23 ta' Ottubru, 1998 irriteniet illi:

> 'Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma iddisturbaha u daqshekk biss.'

Mill-gurisprudenza voluminuza tal-Qrati taghna jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

1. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

2. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

3. **Infra bimestre deduxisse** – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Illi jekk wahda minn dawn l-elementi jirrizulta nieqes din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin hija destinata li tfalli. Hekk di fatti nghad mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia** deciza nhar is-7 ta' Marzu, 1958 illi:

> 'Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.'

Din il-Qorti ser tibda billi titratta l-eccezzjoni preliminiari u sussegwentament tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll applikati ghall-fatti tal-kaz odjern.

**<u>Eccezzjoni preliminari:</u>**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi fl-okkju tal-kawza jissussisti zball stante li l-intimata Mary Theresa Schembri giet minflok indikata bhala Maria Tereza Schembri.

Illi r-rikorrenti permezz ta' nota ntavolata nhar it-12 ta' Frar, 2019 ipprezentaw diversi atti u decizjoni fl-ismijiet Curmi Gulia et -vs- Schembri Giuseppe deciza fit-28 ta' April, 2016 fejn effettivament l-intimata Maria Tereza Schembri identifikat ruhha bl-isem Maria Tereza Schembri u mhux bl-isem indikat fl-eccezzjoni ta' Mary Theresa Schembri (ara nota u dokumenti a fol. 23 *et seq* tal-process).

Illi permezz ta' digriet moghti fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2019 a fol. 22 tal-process il-Qorti wara li rat il-karta tal-identita' tal-intimata, ordnat il-korrezzjoni tar-rikors guramentat fis-sens li l-isem Maria Thereza jigi korrett u sostitwit bl-isem "Mary Theresa". Jikkonsegwi li la darba l-korrezzjoni necessarja fl-isem giet sanata, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara din l-eccezzjoni preliminari bhala sorvolata.

**Elementi kostituttivi ta' l-ispoll:**

**Possedisse:**

Illi l-intimati fit-tieni eccezzjoni taghhom jeccepixxu li ma jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi dwar dan l-element tal-pussess l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili jghid illi l-azzjoni tipprotegi kull persuna illi hija *'...mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli...'*.

Illi r-rikorrent Emanuel Curmi fl-affidavit tieghu a fol. 83 *et seq* tal-process jispjega li huma kienu ilhom fil-pussess tal-passagg mertu tal-kawza odjerna mill-25 ta' Frar, 2017 meta l-ahwa Schembri nehhew l-ahhar ostakli mill-passagg in segwitu ghal ordni tal-Qorti b'sentenza bic-citazzjoni numru 642/1987 moghtija fit-28 ta' April, 2016. Minn dakinhar tal-25 ta' Frar, 2017 ir-rikorrenti dejjem kienu jaccedu mill-passagg bit-tractor u bil-vann ghall-ghalqa taghhom:

‘3. Dan il-passagg kien ilu liberu mill-25 ta’ Frar 2017 meta l-ahwa Schembri nehhew l-ahhar ostakli mill-passagg. Dawn l-ostakli kienu qeghdin izommuna milli nidhlu fl-ghalqa taghna bi tractor jew b’vann. L-ahwa kellhom inehhu l-ostakli kollha li kien hemm fil-passagg fuq ordni tal-Qorti, b’sentenza f’Citazzjoni Nru 642/1987 moghtija fit-28 ta’ April 2016. Dan ifisser li l-ahwa Schembri damu 10 xhur sabiex jizgumbraw kompletament dan il-passagg. U biex dan sar, kellna nitolbu l-intervent tal-perit tal-Qorti.

4. Qabel il-25 ta’ Frar 2017, minhabba l-materjali li huma stess kienu poggew fil-passagg, l-ahwa Schembri, bhalna, ma setghux jidhlu bl-ingenji ghall-ghalqa taghhom minn dan il-passagg. Huma kienu jidhlu minn Triq il-Kanonku Vincenz Balzan li maghha tmiss l-ghalqa taghhom (Ara Pjanta ‘Dok. EC2’).

...

6. Qabel il-25 ta’ Frar 2017, l-ahhar darba li ahna, jigifieri jiena u huti u l-genituri tieghi, illum mejtin, konna dhalna fl-ghalqa taghna bi tractor jew b’vann jew b’ingenji ohra kien fl-1980. ...’.

L-istess gie kkonfermat mir-rikorrenti Fr John Philip Curmi fl-affidavit tieghu a fol. 90 tal-process fejn qal illi:

‘4. Irrid nghid li sa mill-25 ta’ Frar 2017, il-passagg kien totalment liberu minn kull ostaklu. Dakinhar l-ahwa Schembri kienu temmew jizgumbrawh fuq sentenza tal-

> Qorti (Citazzjoni Nru 642/1987) li nqatghet fit-28 ta' April 2016;'.

Illi fl-atti minn imkien ma jirrizulta li l-intimati jattakkaw li mhux minnu li r-rikorrenti effettivament kellhom il-pussess tal-passagg mertu tal-kawza odjerna. A kuntrarju fl-affidavit taghha a fol. 142 *et seq* tal-process, l-intimata Mary Theresa Schembri tikkonferma li r-rikorrenti certament kien ilhom fil-pussess tal-passagg mill-bidu tas-sena 2017:

> '7. Nispjega illi sa ftit snin ilu kien hemm dislivell bejn it-tarf tal-parti msaqqfa tal-passagg taghna u l-parti mikxufa, b'dan illi din tal-ahhar (illi ahna nirreferu ghaliha bhala bitha) kienet ta' livell ghola b'madwar filata u nofs. Dan id-dizlivell kellu jitnehha wara li nghatat sentenza mill-Prim Awla (642/87JZM) deciza fit-28 ta' April 2016, liema xoghol sar lejn il-bidu tas-sena 2017.
>
> 8. Minn dak iz-zmien l'hawn bdejna naraw illi l-familja Curmi bdew jghaddu mill-passagg komuni tul is-sena kollha bl-ingenji, u dan allura bi ksur tal-kundizzjoni cara mnizzla fil-kuntratt ta' divizjoni. Gieli konna gbidnilhom l-attenzjoni dwar dan izda kollu ghalxejn ghaliex baqghu jaghmlu ta' rashom.
>
> ...
>
> 9. Naf illi f'Settembru 2018 kien inqala' incident fil-passagg fejn ohti Prassede u xi hadd mill-familja Curmi izda dakinhar jiena ma kontx prezenti u ghalhekk dwar dan tixhed ohti.'.

L-intimata Prassede Schembri wkoll ikkonfermat li r-rikorrenti kellhom il-pussess tal-passagg tant li accedew bl-ingenji fl-10 ta' Settembru, 2018. Di fatti fl-affidavit taghha a fol. 140 *et seq* tal-process stqarret illi:

> '3. Waqt illi kont fl-ghalqa indunajt illi l-wisa' tal-passagg komuni kien tnaqqas ghal erba' (4) piedi u dan billi l-familja Curmi kienu hartu l-ghalqa taghhom – illi minn fuqhom jghaddi l-istess passagg – u hallew il-wisa' hawn indikata. Nghid illi jiena kont fuq il-post il-gurnata ta' qabel, cioe' fid-9 ta' Settembru 2018, u dakinhar l-ghalqa ma kienitx mahruta. Dan ifisser illi fl-10 ta' Settembru 2018 il-familja Curmi dahlet fil-passagg komuni bl-ingenji kbar meta dan mhux permess skond il-kuntratt ta' divizjoni. Dan ix-xoghol kellu jsir sal-ahhar ta' Awwissu meta l-passagg jinghalaq ghal erba' (4) piedi.'.

Jirrizulta li bejn il-partijiet hemm kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni datat 11 ta' Ottubru, 1979 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin (ara kuntratt a fol. 15 *et seq* tal-process). Mix-xiehda ta' Prassede Schembri appena kkwotata jirrizulta li meta hija marret fuq il-post fl-10 ta' Settembru, 2018 u sabet li r-rikorrenti kienu hartu l-passagg kollu l-intimata Prassede Schembri rrabjat u kien ghalhekk li nstallat il-gate u llimitat l-access lir-rikorrenti. Il-Qorti taghmilha cara li mhux ser tidhol fil-kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' kuntratti ghaliex mhux kompitu taghha li taghmel dan f'ambitu ta' kawza ta' spoll. Dak li jinteressa lil din il-Qorti huwa unikament li r-rikorrenti fil-mument tal-att spoljattiv kellhom il-pussess jew semplici detenzjoni rikjest mill-ligi.

Illi gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Salvina Mercieca et -vs- Andrew Vella et** datata 26 ta' Lulju, 2017 illi:

> 'Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu s-semplici detenzjoni. L-attur dejjem irid jipprova li ghandu "un possesso di fatto". Il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil; **dan jista' jkun qasir hafna u sahansitra momentanju**" (**Gio Maria Carabott et vs Spiridione Bonnici et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2007).'

Illi fid-dawl ta' dak suespost u kkunsidrat illi l-intimati nfushom ikkonfermaw li r-rikorrenti kellhom il-pussess tal-passagg mertu tal-kawza odjerna tant li ghaddew minnu u sahansitra hartuh qabel ma gie limitat l-access, din il-Qorti tqis li l-element tal-pussess gie sufficjentament ippruvat.

**<u>Spoliatum fuisse:</u>**

Illi dwar dan l-element ta' l-spoliatum fuisse gie ritenut mill-awtur **Pacifici Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diretto Civili** (Volume III (Firenze 1873)) illi bi vjolenza tikkostitwixxi:

> '…qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato.'.

Illi mbaghad il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon** deciza nhar l-24 ta' Jannar, 1958 irriteniet illi:

'...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta tal-possessur, b'mod li jista jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ...'.

Illi l-intimati jeccepixxu li huma ma poggew l-ebda oggett fil-passagg u ghalhekk bl-ebda mod ma ostakolaw jew fixklu d-dritt ta' access mill-passagg illi r-rikorrenti jgawdu. Sostnew illi huma dejjem aderixxew ruhhom bi shih mal-provvedimenti tal-kuntratt ta' divizjoni datat 11 ta' Ottubru, 1979 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin.

Illi l-att spoljattiv lamentat mir-rikorrenti Emanuel Curmi et huwa t-twahhil ta' xatba tal-injam fejn jispicca l-passagg bla numru (li qabel kien numerat 15) fi Triq l-Imqabba, Zurrieq. L-att spoljattiv gie ndikat fir-ritratti li gew esebiti mir-rikorrenti Emanuel Curmi a fol. 88 tal-process – ritratt mehud minn gewwa tal-passagg fil-parti mhux imsaqqfa il-barra fejn tidher il-xatba maghmula minn 'pellet', u a fol. 89 tal-process mehud mill-passagg fil-parti l-imsaqqaf il-gewwa fejn tidher ix-xatba tal-injam.

Illi r-rikorrenti Emanuel Curmi et apparti x-xiehda taghhom stess, ressqu wkoll bhala xhud lil certu Felix Debono li xehed permezz ta' affidavit a fol. 96 tal-process. Ix-xhud ikkonferma li nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru, 2018 acceda bit-*tractor* tieghu mill-passagg ghall-ghalqa tar-rikorrenti u ma sab l-ebda ostakolu. Ikompli jixhed li sussegwentement fit-30 ta' Marzu, 2019 kien rega' acceda fl-ghalqa tar-rikorrenti bit-tractor u sab ostakolu:

‘1. It-Tnejn, 10 ta’ Settembru 2018, filghodu jiena mort bit-tractor nahrat l-ghalqa ta’ Fr John Philip Curmi u hutu li qieghda fi Triq l-Imqabba, iz-Zurrieq. Dhalt ghall-ghalqa minn passagg imsaqqaf fl-istess triq minn bieb li llum ghandu numru 109. Mit-triq sal-ghalqa tal-ahwa Curmi ma sibt ebda tfixkil, u dhalt u hrigt minghajr ebda problema.

2. Fit-30 ta’ Marzu 2019 jien mort fuq il-post u f’tarf il-passagg innutajt xatba tal-injam imwaqqfa b’mod li tfixkel id-dhul fl-ghalqa bi tractor. Hadtilha ritratt (Ara ritratt ‘Dok. FD1’). Din ix-xatba ma kinetx hemm meta dhalt nahrat fl-10 ta’ Settembru, anzi qatt ma kont rajtha qabel.’

Illi x-xhud in kontro-ezami a fol. 138A *et seq* rega’ kkonferma li fl-10 ta’ Settembru, 2018 ix-xatba ma kinitx installata u li meta huwa sussegwentement rega’ mar f’Marzu, 2019 kien hadilha ritratt ghaliex kienet dejqitu:

‘Dr Victoria Cuschieri: Ok. U hawnhekk ghidt, hadtilha ritratt Din ix-xatba ma kinitx hemm meta dhalt nahrat fl-ghaxra (10) ta’ Settembru anzi qatt ma kont rajtha qabel.

Xhud: Iva.’

Illi mix-xiehda ta’ Felix Debono jirrizulta li zgur nhar l-10 ta’ Settembru 2018 filghodu ix-xatba ma kinitx installata u giet installata aktar tard dakinhar quddiem wiehed mir-rikorrenti kif ikkonfermat mill istess rikorrenti.

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm l-intimati eccepew li huma ma kkommettew l-ebda att spoljattiv, mix-xiehda taghhom stess jirrizulta mod iehor. In fatti Prassede Schembri fl-affidavit taghha a fol. 140 *et seq* tal-process stqarret li dakinhar tal-10 ta' Settembru, 2018 harget 'pellett' tal-injam u poggietu fit-tarf tal-passagg sabiex timmarka l-wisa' ta' erba' piedi:

> '2. Nixtieq inzid ma' dak illi ddikjarat ohti Maria Theresa u nispjega illi fl-10 ta' Settembru 2018 jiena kont diehla fil-passagg imsaqqaf sabiex nidhol fl-ghalqa. Waqt illi kont miexja l-gewwa saqajja tfixklu f'*extension wire* illi kien tpogga fl-istess passagg mill-familja Curmi. Bqajt diehla biex nara kienx hemm xi hadd fl-ghalqa bl-intenzjoni li nghidilhom inehhu dak il-periklu li kien hemm fil-passagg. Nispjega illi dan l-*extension wire* kien imqabbad ma wire iehor illi kien gie mghoddi mit-triq – quddiem hames garaxxijiet u zewgt idjar – ghal gewwa l-proprjeta' taghhna. Dan sintendi ma sarx bil-kunsens tieghi jew ta' huti.
>
> …
>
> 6. Dhalt fil-garaxx u hrigt pallet tal-injam u poggejtha fit-tarf tal-passagg taghna – cioe' fejn jibda l-passagg komuni – sabiex din timmarka l-wisa' ta' erba' (4) piedi. Dan kien jirrifletti propju l-wisa' illi hallew Curmi stess meta hartu l-ghalqa taghhom – nerga' nghid pero' illi dan ix-xoghol ma kienx permess illi jsir wara l-1 ta' Settembru bl-uzu ta' ingenji kbar.'.

Illi l-Qorti rinfaccjata sahansitra b'ammissjoni da parti tal-intimata Prassede Schembri, m'ghandiex dubju li l-att vjolenti u klandestin

fil-verita' sehh u ghalhekk tqis li dan l-element gie wkoll sufficjentament pruvat.

**Infra bimestre deduxisse:**

Illi jifdal ghalhekk x'jigi ezaminat it-tielet element li jikkonsisti filli l-kawza trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv. Dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Alfred Paul Farrugia noe -vs- Peter Paul Cutajar** deciza nhar it-13 ta' Frar, 2004 qalet illi:

> 'Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix pruvat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi.'

Jirrizulta ppruvat u huwa wkoll ikkonfermat mill-intimati nfushom, li l-att spoljattiv sar nhar l-10 ta' Settembru, 2018 billi twahhlet xatba tal-injam fl-ahhar tal-passagg. Il-kawza giet intavolata nhar it-2 ta' Novembru, 2018 u ghalhekk entro t-terminu ta' xahrejn stipulat mill-ligi. Ghaldaqstant dan l-element jirrizulta wkoll sufficjentament ippruvat.

Isegwi ghalhekk li r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw l-elementi kollha tal-kawza tal-ispoll tentata minnhom u ghaldaqstant it-talbiet taghhom huma gustifikati u jisthoqq li jigu milqugha. Il-Qorti rat ukoll li fil-mori l-intimati baqghu jinsistu bl-agir taghhom li meta jridu jnehhu x-xatba u meta jerga' jidhrilhom jergghu ipogguha. In vista ta' dan il-Qorti ser tordna li l-ostakli kollha kif mitlub mir-rikorrenti jitnehhew b'mod permanenti sakemm ma jkunx hemm decizjoni mod iehor ta' Qorti

kompetenti, dan sabiex ma jkun hemm l-ebda spekulazzjoni dwar l-interpretazzjoni ta' din id-decizjoni. Jekk l-intimati jidrilhom li ghandhom xi drittijiet petitorji li jridu jiccaraw u jinfurzaw dan ghandhom jaghmluh tramite kawza appozita u mhux jibqghu telghin u nezlin b'mod ripetut fil-Qrati b'diversi kawzi ta' spoll kontra taghhom rizultat tal-agir taghhom.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li ghar-ragunijiet premessi l-intimati kkommettew spoll ghad-dannu tar-rikorrenti;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimati sabiex fi zmien xahar minn meta din id-decizjoni ssir *res judicata* inehhu permanentement dawk l-oggetti ossia ostakli kollha li qed ifixklu l-access liberu tar-rikorrenti ghall-ghalqa taghhom imsemmija mill-passagg minghajr numru (gja qabel bin-numru 15) fi Triq l-Imqabba, iz-Zurrieq fosthom li titnehha x-xatba tal-injam li tidher fir-ritratt a fol. 88 u fol. 89 tal-process u jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristinaw lir-rikorrenti fit-tgawdija tal-passagg indikat;

4. Tilqa' t-tielet talba u fin-nuqqas li l-intimati jaghmlu dak ordnat minnhom fit-terminu mpost, tawtorizza lir-rikorrenti jnehhu huma stess l-ostakli kollha li qed ifixklu l-access liberu tar-rikorrenti ghall-ghalqa taghhom fosthom ix-xatba

tal-injam li tidher fir-ritratt a fol. 88 u fol. 89 u jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali a spejjez tal-intimati, taht is-supervizjoni tal-Perit Valerio Schembri, jekk ikun il-kaz, li qed jigi nominat minn issa sabiex jissorvelja x-xoghlijiet;

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Perit nominat u kif mitluba kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Ottubru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Ottubru, 2021**